*Fit-Tribunal Industrijali*

*Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn:*

*Attard Silvana*

*Vs*

*Water Services Corporation dwar dwar : tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.*

*Kaz Nru 2434*

*Illum : 9 ta' Frar, 2011*

*Decizjoni Nru : 2054*

***Chairman: Dr Joseph P Bonnici LL.D***

**Introduzzjoni**

Illi r-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara li it-terminazzjoni tal-impjieg taghha da parti tal-Korporazzjoni intimata ma saritx ghal raguni gusta.

Da parti taghha, il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma rribattiet li r-raguni valida kienet li ma rritornatx ghax-xoghol u sfat imkeccija.

**<u>Fatti</u>**

Illi wara perjodu ta' maternity leave, ir-rikorrenti kienet kitbet lil Principal fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) biex tiehu sena ohra 'unpaid leave'. Kienet lesta li tidhol lura ghax-xoghol purche' jigi provdut 'child care day centre'. Inoltre kellha f' idejha ittra datat disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) fejn hemm dikjarat li kienet 'on unpaid leave.'

Da parti taghha l-Korporazzjoni intimata tallega li ma kellha l-ebda awtorizazzjoni ghal tali 'leave'. It-talba taghha qatt ma giet milqugha, u r-rikorrenti ddecidiet li ma tirritornax ghax-xoghol.

Fuq il-famuza ittra tad- disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), xehed Emmanuel Galea (Human Resources Manager) fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008). Huwa spjega li dik l-ittra talbitha r-rikorrenti sabiex tkun tista' tikkwalifika ghal beneficcju socjali peress li ma kellhiex introjtu mill-Korporazzjoni u ghall-ebda raguni ohra. Ma kinetx intiza ghall-iskop allegat mir-rikorrenti.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi dan huwa kaz lampanti fejn assenzjonijiet gratuwiti, nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet rispettivi u risposti prezunti la konfermat u/jew awtorizzati. Dawn wasslu lir-rikorrenti quddiem dan it-Tribunal.

Illi r-rikorrenti haditha 'for granted' li t-talba kondizzjonata taghha kontenuta fl-ittra tal-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) kienet giet milqugha. Il-Korporazzjoni naqset li tirrispondieha, allura ma kienx hemm konferma ghaliha.

Mhux hekk biss izda bidlet l-indirizz taghha minghajr ma infurmat b' dan lil principal taghha. Ma sar l-ebda tip ta' kuntratt bejn il-partijiet ghal xhur shah. Kien fl-interess taghha li tiehu hsieb l-impjieg taghha. Aktar u aktar minhabba ic-cirkostanzi personali li sabet ruhha fuq medda ta' snin (vide xhieda Margaret Attard 14/11/08). L-ammont ta' leave li hadet minn fuq ix-xoghol huwa wiehed prolifiku (vide dikjarazzjoni tal-kaz tal- principal prezentata fis-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007). Jirrizulta li l-Korporazzjoni ghamlet dak kolli li setghet biex takkomoda lir-rikorrenti inkluz fl-ittra datata disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005). Pero wiehed irid jifhem ukoll li r-rikorrenti bhala impjegata kellha obbligu verso l-principal taghha.

Enfassisat il-kontenut ta' dik l-ittra izda dan ma sarx fil-proprio kuntest taghha. Ridietha ghal certu skop biex wara utillizzatha mod divers kontra l-istess principal. Dana johrog mind-dikjarazzjoni taghha. Ghalhekk il-principal ma ghandux jippresta ruhu u jaghti informazzjoni l-lecita u ndebita.

Illi huwa veru, kif minnha ritenut, li fl-ebda mument ma rrinunzjat personalment u formalment ghalkemm hekk gie indikat fit-termination notice tal-ETC. Issir riferenza ghall-Collective Agreement validu ghal perjodu elfejn u hamsa sa elfejn u ghaxra (2005-2010) datat u iffirmat fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008).

Dwar 'special unpaid leave' jistipula li dan jista' jigi koncess f' certi cirkostanzi. Dan huwa stipulat fl-Art 23(9). Huwa s-sub inciz (d) li japplika ghar-rikorrenti u cirkostanzi ohra li jigi appruvat li l-istess 'leave'. Ma kienx approvat. Meta jiskadi dak li gie approvat (il-Maternity Leave) l-impjegat kellha d-dover li tirritorna ghax-xoghol jekk mhux ghal raguni gustifikata. Fin-nuqqas, il-Korporazzjoni tikkonsiderah bhala terminat. Multo magis meta l-leave ma jkun approvat.

Hawn isegwi w jidhol in vigore l-Art 18.2. Fil-kaz li impjegat jassenti ruhu minn fuq il-post tax-xoghol ghall-ghaxart ijiem (10), komplessiv

f' perjodu ta' tnax (12) il-xahar allura jigi konsiderat li rrizenja. Terminazzjoni tal-impjieg tkun awtomatika minghajr necessita ta' proceduri ulterjuri minn naha tal-Korporazzjoni. Kien ghalhekk li l-Korporazzjoni ssottomettiet terminazzjoni lil ETC ghal ' rizenja ghal ragunijiet personali". Kellha anzi taghti ir-raguni proprio tat-terminazzjoni.

**Konkluzjoni**

Illi it-Tribunal jiddeciedi li it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti mal-Korpoazzjoni intimata saret ghal raguni valida.

B' hekk din il-kwistjoni giet terminata.

Bhala drittijiet, qed jigu ntaxxati tmenin Euro (€80)

**ft/ Dr Joseph P Bonnici**

**Chairman**

Vera kopja

Mary Rose Galea

Ghas-Segretarju